**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta Kolliżjonijiet**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Andreas Buhagiar**

**Illum, 7 ta' Lulju, 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Andreas Buhagiar, detentur tal-karta tal-identità numru 256093M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

> *"fit-30 ta' Mejju 2017 ghall-habta ta' 14:30 hrs f'Burmarrad, Limiti ta' San Pawl il-Bahar, soqt il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FCD037;*
>
> *1. U b'nuqqas ta hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma' vettura nru. JVY020 w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Karen Fenech,*
>
> *2. U aktar meta b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jinelle*

*Vella skond kif iccertifika Dr. E. Cilia M.D. mill-M.D.H u fuq il-persuna ta' Julianne Micallef skond kif iccertifika Dr. L. Zammit M.D. mill-M.D.H,*

*3. U aktar meta b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Michela Borg skond kif iccertifika Dr. Rene Camilleri M.D. mill-M.D.H, fuq il-persuna ta' Grezzju Bartolo skond kif iccertifika Dr. Carlo Regalo M.D. mill-M.D.H, fuq il-persuna ta' Christa Borg skond kif icceritifka Dr. E. Cilia M.D. mill-M.D.H, fuq il-persuna ta' Yana Grech skond kif icceritfika Dr. E.Cilia M.d. mill-M.D.H, fuq il-persuna ta' Kristina Mifsud skond kif iccertifika Dr. Rebecca Abdilla M.D. mill-M.D.H, fuq il-persuna ta' Enrica Farrugia skond kif iccertifika Dr. R. Galea M.D. mill-M.D.H, fuq il-persuna ta' Martha Kate Vella skond kif icceritifika Dr. Jessica Coppini M.D. mill-M.D.H, fuq il-persuna ta' Sadie Micallef skond kif icceritifka Dr. Luke Zammit M.D. mill-M.D.H, fuq il-persuna ta' Eleyne Louise Borg skond kif iccertifika Dr. Patricia Farrugia M.D. mill-M.D.H, fuq il-persuna ta' Nia Xuereb skond kif iccertifika Dr. E Cilia M.D. mill-M.D.H, fuq il-persuna ta' Alexia Micallef skond kif iccertifika Dr. Jessica Coppini M.D. mill-M.D.H,*

*4. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata,*

*5. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi waqt li kont ghaddej min Triq Gebel Ghazzara, San Pawl il-Bahar bl-imsemmija vettura, inqast li tieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika 'Stop'.*

*6. U aktar talli fl-istess data, hin u lok inqast li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega meta kont hiereg min triq sekondarja u ghal fuq triq principali u cioe meta kont*

*hiereg min Triq Gebel Ghazzara, San Pawl il-Bahar ghal Triq Burmarrad San Pawl il-Bahar,*

*7. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura, li ma kelliex licenza mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq,*

*8. U aktar talli bhala sid jew xufier ta' l-imsemmija vettura bil-mutur, inqast li tara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja ta' cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta.*

*Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan."*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Semgħet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti kollha prodotti;

Rat is-Social Inquiry Report ippreżentat;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Dan il-każ jitratta inċident li seħħ meta vettura misjuqa mill-imputat bin-numru ta' registrazzjoni FCD037, kienet nieżla minn Triq Ġebel Għazzara, Burmarrad, lejn Triq Burmarrad, għal xi raġuni jew oħra baqgħet miexja, bil-konsegwenza li baqgħet dieħla ġo minibus bin-numru ta' reġistrazzjoni JVY 020, li kienet qiegħda tinstaq fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Baħar.

Il-Qorti sejra fl-ewwel lok, tagħmel referenza għal ġurisprudenza estensiva dwar l-obbligi tas-sewwieqa, b'mod partikolari tas-sewwieqa li jkun ser joħorġu minn *side street*.

Illi r-Regolament 76 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur) jgħid li:

> *76. Triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritta ghas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa' lil dak tat-triq principali, izda d-driver ta' kull vettura sew fi triq principali sew f'wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f'kull kantuniera.*

Illi kif dejjem ġie ritenut:

> *"ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent , sija jekk i kun fuq it-triq id -dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, hu intuwittiv li id-driver li jkun sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu akbar minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta , u dana ghas-semplici raguni li hu jkun ser jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fuq it-triq id-dritta, mentri id-driver fuq it-triq id-dritta , ladarba ser ikompli ghad-dritt , ma jkun ser ifixkel lil hadd ."* (Kollez. Vol. XXXVI , iv . p.797).

Ġie wkoll ritenut li is-"side road user", għandu dritt li jaqsam ġol- "main road", meta bid-debita prudenza, ikun aċċerta ruħu li din hija libera (App. Krim. Pul. vs. Nazzareno Borg, 12.11.1960) u li "side road user" irid jidħol ġo "main road" bla ma jieħu riskju li driver prudenti ma jieħux." (App. Krim. Pul. vs. Giuseppe Galdes, Vol. XXXVII, iv. p. 1108)".

Illi fid-deċizjoni mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2005, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fil-kawża fl-ismijiet, GasanMamo Insurance Limited noe et vs. Raymond Vella, il-Qorti qalet hekk:

> *"Li jfisser allura li l-attrici Beryl Pauline Jepsen kellha d-dritt ta' precedenza in kwantu kellha titqies bhala "main ro ad user". Li jfisser ukoll illi fic-cirkostanzi, i l-konvenut kellu jitqies bhala "side road user", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu "l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra jwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" – Il-Pulizija vs. Anthony Galea, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137); Joseph Rizzo vs. Paul Micallef, Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974;*

Issokta jiġi ppreċiżat fuq din it-tematika illi:

*"min ikun hiereg minn side street ghal main road ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf ghal kollox jew johrog inching out, u jassigura li t-triq hi libera.*

*Is-side road user ghand u juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" - Mark Sammut vs. Maryse Germaine del la Fargue, Appell Civili, 2 ta' April 1976".*

Fil-kawża "Il-Pulizija vs Pawlu Borg" (Vol. XXXVI-I-page 797), il-Qorti qalet:

*"ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent sia jekk ikun fi triq dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, huma nitriwittiv, u hu principju affermatt f'diversi decizjonijiet tal-Qrati Inglizi illi d-driver li sejjer jidhol fit-triq id-dritta, minn triq ohra ghandu obbligu aktar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta, ghas-semplici raguni li jkun sejjer jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fit-triq id-dritta; mentri d-driver fuq it-triq id-dritta, ladarba sejjer ikompli ghad-dritt, ma jkunx sejjer ifixxkel lil hadd."*

Għalhekk b'mod ġenerali, id-dover tas-sewwieq li jkun sejjer jaqsam triq principali u jiddisturba l-kors normali tat-traffiku, għandu grad ta' attenzjoni ferm aktar għoli minn dak is-sewwieq li jkun għaddej fuq triq prinċipali, fejn allura is-sewwieq tat-triq sekondarja għandu l-obbligu u l-kompitu li jaċċerta ruħu li jkun jista' joħroġ mit-triq sekondarja mingħajr perikolu u tfixkil għall-utenti l-oħra.

Illi l-Highway Code imbagħad jiddisponi fir-Regolamenti 212 u 213:

*212. "Jekk ma jkunx muri xort'oħra, it-traffiku fit-triq principali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed*

*jaqsam, li jkun dieħel, jew li jkun se jħalli t-triq principali."*

*213. "F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq principali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereg minn, it-triq principali."*

Kif spjegat din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fid-deċiżjoni fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spt. Mario Tonna) vs Joanne Persiano, deċiża fl-24 ta' Marzu, 2010, dana jfisser illi minor road user irid josserva tliet regolamenti importanti, u ċioè:

1. li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkroċju, bil-ħsieb li jaċċerta ruħu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq prinċipali, ma kienx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq;

2. li jaċċerta ruħu li ma kienx hemm traffiku fuqha. Jew almenu, jekk kien hemm traffiku, kien tant 'il bogħod, li l-ħruġ tiegħu fuqha, ma kien bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku;

3. li ċċaqlaq għal fuq il-karreġġjata prinċipali bil-mod il-mod, *inching out*, u jekk meħtieġ, jieqaf għal kollox biex jesplora dik it-triq, u biex jistenna lit-traffiku jgħaddi.

Illi l-Qorti tosserva li dejjem ġie ritenut li f'sede kriminali, kull sewwieq iwieġeb għall-aġir tiegħu, indipendentement minn dak li jagħmel ħaddieħor, ammenochè dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklussivament għall-ħtijiet da parti ta' ħaddieħor. (Vide Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri (16.3.1961); Il-Pulizija vs. John Polidano (3.11.1963); Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud (XXXVII.IV.1131). Dan għaliex il-*contributory negligence* ma teżonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) v Mario Abela, fit-30 ta' Ġunju 2017, fejn intqal :

*"Illi m'hemmx dubbju li min ikun hiereg minn triq sekondarja ghal fuq triq principali ghandu juża l-massima prudenza u diligenza; u li min ikun qiegħed isuq fit-triq ewlenija ghandu wkoll juza d-diligenza huwa u joqrob lejn kantuniera ta' triq laterali anke jekk din tkun wahda sekondarja. Ghalkemm ghandu l-precedenza, jew "id-*

*dritta", il-main road user m'ghandu l-ebda brevett ta' immunita u jista' jsir, ficcirkostanzi kongruwi, a main road abuser. Hija ligi li "d-driver ta' kull vettura sew fi triq principali sew f'wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha f'kull kantuniera" (Regolament 76, Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, L.S.65.11). B'mod partikolari, ghandu l-obbligu li ma jaghmilx manuvra ta' surpass fejn triq laterali. Il-Kodici ghat-Traffika fit-Triq jirrakkomanda, bhala mgieba prudenzjali, biex ma "Taqlax vetturi ohra meta tkun qed tavvicina…triq li taghqad m'ohra" (Paragrafu 184) u biex "qatt taqla' vettura ohra qabel ma tkun cert li tista' taghmel dan minghajr periklu ghalik jew ghal haddiehor…" (Paragrafu 181). Hekk ukoll il-Highway Code Ingliz jirrakkomanda: "Do not overtake where you might come into conflict with other road users. For example approaching a road junction on either side of the road" (Paragraph 143). Dejjem skont l-istess Highway Code Ingliz, "take extra care at junctions. You should watch out for… motorcylists… as they are not always easy to see" (Paragraph 146). Fost l-utenti tat-triq vulnerabbli, l-istess Highway code isemmi l-motociklisti, li jirrikjedu "extra care" jew attenzjoni specjali: "it is often difficult to see motorcyclists… especially when they are coming from behind, coming out of junctions… always look out for them when you are emerging from a junction" (paragraph 187). Il-pubblikazzjoni Driving- the essential skills – successor to the official driving manual, ippubblika mid-Driving Standards Agency tal-Ingilterra, f'pagna 194, iwissi li "Your zone of vision is what you can see as you look forward and to the side from your vehicle. As you approach a junction, your zone of vision onto the other road usually improves. You may need to get very close before you can look far enough into another road to see if it's safe to proceed. The last few feet are often critical. Sometimes parked vehicles (similment fil-każ prezenti kien hemm karozza wieqfa, ghad li mhux ipparkjata, cjoe' dik li cediet lill-imputat biex johrog mit-triq laterali) restrict your view so much that you need to stop and inch forward for a proper view before you emerge. Look in every direction before you emerge. Keep looking as you join the other road. Be ready to stop" (kif fil-fatt ghamel l-imputat fil-każ preżenti).*

*Minn ricerka li ghamlet din il-Qorti, sabet is-sentenza Gasan Mamo Insurance Agency Limited v Anthony Zammit*

> *– Qorti tal-Appell, per Onor. Imġallef Philip Sciberras, li fiha side-road user, similment ghal dan il-każ, hareg minn fuq stop-sign fi triq laterali wara li cedietlu vettura fil-main road b'żewg karreggjati singoli f'direzzjonijiet opposti (ukoll bhall-każ odjern) u karozza ohra (mhux mutur bhall-kaz prezenti) ghaddiet aktarx (imma mhux zgur) wrong side tissorpassa lill-karozza li cediet lis-side road user; u saret il-habta."*

Il-Qorti sejra issa tgħaddi, biex l-ewwel tindirizza l-ewwel, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti rat ix-xhieda mogħtija minn Karen Fenech li spjegat li l-vann bin-numru ta' reġistrazzjoni JBY020, huwa proprjetà tagħha. Spjegat li per konsegwenza ta' dan l-inċident, il-vann ġie ddikjarat bħala *total loss* u ġie skreppjat. Ikkonfermat li l-ħsarat kienu ma' kullimkien, u ċioè kemm quddiem, wara u fil-ġenb. Spjegat ukoll li dan il-vann ġie skreppjat madwar xahrejn wara l-inċident. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-ewwel imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata.

Dwar ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet, issir referenza għall-iskizz eżebit a fol 7 tal-proċess, minn fejn jirriżulta wkoll li kien hemm *Stop Sign* fil-karreġġjata fejn kienet tinsab il-vettura tal-imputat. L-Uffiċjal tal-Pulizija li rrediġa dan l-iskizz, u ċioè PS 914, ippreżenta wkoll affidavit, li kkonferma l-istess skizz. Il-Qorti qieset ukoll, fejn ġew sofferti l-ħsarat fil-vetturi involuti f'dan l-inċident, liema ħsarat jirriżultaw mill-Current Incident Report eżebit a fol 15 et seq tal-proċess. Qieset ukoll ix-xhieda ta' Grezzju Bartolo, is-sewwieq tal-vann bin-numru ta' reġistrazzjoni JVY020, fejn dan xehed li huwa kien nieżel fid-direzzjoni lejn il-Mellieħa. Spjega li kien għaddej minn Burmarrad u li kien hemm daqsxejn traffiku. Spjega li sema' lit-tfal jwerżqu u jgħajjtu li vettura kienet ġejja għal fuqhom. Spjega li huwa kien ġià għadda minn quddiem is-*side street*, iżda mbagħad ħass daqqa fuq wara, li dawritlu l-vann u baqa' dieħel ġol-ħajt. Spjega li dan l-inċident seħħ fi triq li hija dritta, u li l-vettura misjuqa mill-imputat, ġiet minn fuq in-naħa tal-passiġġier minn ġo *side street*.

Il-Qorti qieset il-provi kollha u d-dinamika ta' kif seħħ l-inċident, u tqies li dan l-inċident seħħ tort ta' sewqan traskurat da parti tal-imputat, li għal xi raġuni, baqa'

ħiereġ mis-*side street* għal ġot-triq prinċipali u spiċċa laqat fuq in-naħa ta' wara, lill-vann bin-numru ta' reġistrazzjoni JVY020. Bħala fatti, hu stabbilit mill-provi, li Grezzju Bartolo kien ġej isuq fit-triq prinċipali, filwaqt li l-imputat kien qed isuq fi triq laterali, fejn ukoll kien hemm 'Stop Sign'. L-iskizz jindika, inoltre, mid-debris, l-ispot of impact, kif ukoll fejn spiċċaw il-vetturi wara l-ħabta. Il-Qorti tirriafferma l-prinċipju rakkjuż fis-sentenza riporatata a Vol. XXXII P II p 386, u ċioè li "min ikun isuq karozza u jasal biex joħroġ fuq it-triq prinċipali, għandu l-obbligu gravi jesplora tajjeb it-traffiku transitanti fuqha iżda dan ma jfissirx illi min ikun qed isuq fit-triq prinċipali, hu dispensat mill-obbligu ta' kull *road user* li juża d-diligenza meħtieġa fis-sewqan, imma l-obbligu ta' min ikun ħiereġ fuq it-triq prinċipali huwa innegabilment akbar". Il-Qorti tispjega li dak l-obbligu tas-*side road user* jimporta li oltre li jesplora sewwa t-triq, jieqaf għal kollox wara l-i*Stop Sign* jew joħroġ "*inching out*" u jassigura li t-triq hi libera qabel ma jaċċedi fiha. Ara Vol. XLV P I p 389.

Dwar sewqan traskurat, il-Qrati tagħna daħlu f'eżami approfondit. Fost oħrajn, fis-sentenza fl-ismijiet, 'Il-Pulizija (Spt. S. Micallef) vs Haden Vella', deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar it-12 ta' Lulju, 2007, (Appell numru: 220/2007), il-Qorti tal-Appell Kriminali analizzat id-differenzi bejn sewqan negliġenti, bla kont u perikoluż:

> '*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. Pul. Vs. Charles Bartolo Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta Marzu 1959.; Pul. Vs. Wilson Vol. XXXIX p. 1018, u Pul. Vs. Alfred Vella Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. Vs. Hardingham Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta Ottubru 1963). Gie ukoll 9itenuto li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. Vs. Charles Farrugia XXXIX p. 1018). "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye ". (App. Krim. Pul. Vs. Joseph Aquilina Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' April 1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. Pul. Vs. Antonio Spiteri Vol. XLIV , p.892).*

Illi ġie wkoll ritenut fl-Appell Kriminali : "The Police vs. Gunner Brian Wilson", deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar is-7 ta' Mejju 1955, li:-

*"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving.*

*Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving." (ara wkoll f' dan is-sens: App. Krim. "Il-Pulizija vs. Manwel Mallia" Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Amrzu 1959- Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u "Il-Pulizija vs. Charles Bartolo"Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nharl-14 ta' Marzu 1959 – Kollez. Vol. XLIII p. 1001 p 1016).*

Fil-kawża fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes", deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar it-3 ta' Mejju, 1953, ġie ritenut li;-

*"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari." "Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u non-kuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu." (ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Charles Farrugia" Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar i- 5 t Marzu 1955 Vol. XXXIX, iv. P.978)*

Din il-Qorti tqies għalhekk, li mill-assjem tal-provi mressqa, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, l-ewwel imputazzjoni, ir-raba', il-ħames, u s-sitt imputazzjonijiet.

Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti qieset li ġie ppreżentat ċertifikat mediku rilaxxat a favur ta' Jianelle Vella (fol 24), fejn ġie konkluż li l-ġrieħi kienu ta' natura gravi. Ġie ppreżentat ukoll affidavit tat-tabiba li rrilaxxat dan iċ-ċertifikat, u ċioè Dottor

Erica Cilia, liema affidavit jinsab a fol 69 tal-proċess. Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tax-xhieda mogħtija minn omm Jianelle Vella, u ċioè minn Ritianne Vella, fejn din qalet li bintha kellha *broken tissues* f'sieqha l-leminija u sarilha l-ġibs. Spjegat li bintha damet madwar ħmistax bil-ġibs ma' sieqha, iżda damet madwar xahar biex ma baqgħetx izzappap (fol 84 u 85).

Irriżulta wkoll li ġie eżebit ċertifikat mediku rilaxxat a favur Julianne (magħrufa wkoll bħala Gillian) Micallef (fol 25), fejn il-ġrieħi sofferti ġew ikklassifikati bħala ta' natura gravi. Dr Luke Zammit li huwa t-tabib li rrilaxxa dan iċ-ċertifikat mediku, ippreżenta affidavit fejn ikkonferma bil-ġurament tiegħu, li l-ġrieħi huma ta' natura gravi (fol 77). Omm Julianne Micallef, ċerta Charlene Micallef xehdet li bintha damet tlett ijiem l-isptar u kienet fetħet moħħha. Spjegat li moħħha għadu mmarkat.

Irriżulta għalhekk li mill-provi prodotti, din it-tieni imputazzjoni ġiet ukoll ippruvata.

Dwar it-tielet imputazzjoni, il-Qorti tqis illi ġew eżebiti s-segwenti provi:

i. Ċertifikat mediku ta' Michaela Borg a fol 26 tal-proċess u affidavit ta' Dottor Renè Camilleri, li kkonferma li l-ġrieħi sofferti kienu ta' natura ħafifa (fol 44). Iżda din il-Qorti tinnota li sussegwentement, a fol 72 u 73, ġew eżebiti żewġ affidavits tal-istess tabib li rrilaxxa ċ-ċertifikat mediku a fol 26 tal-proċess, mill-liema affidavits jirriżulta l-ġrieħi sofferti huma gravi. Nonostante dan, omm Michaela Borg xehdet u spjegat li bintha Michaela Borg kienet għamlet xi 6 punti f'irkoppitha, li llum għadhom jidhru;

ii. Ċertifikat mediku ta' Sadie Micallef a fol 34 tal-proċess, u affidavit ta' Dottor Luke Zammit li kkonferma li l-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa (fol 56, fol 76 u fol 111). Xehdet ukoll omm il-minuri, ċerta Ruth Micallef, li kkonfermat li bintha kellha xi ġrieħi f'rasha u xi kħul. Spjegat li nżammet l-isptar għal 3 ijiem;

iii. Ċertifikat mediku ta' Grezzju Bartolo a fol 27 tal-proċess, u affidavit ta' Dottor Carlo Refalo li kkonferma li l-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa (fol 62);

iv. Ċertifikat mediku ta' Yana Grech a fol 29 tal-proċess u affidavit ta' Dottor Erica Cilia li kkonfermat li l-grieħi kienu ta' natura ħafifa (fol 63);

v. Ċertifikat mediku ta' Nea Xuereb a fol 36 tal-proċess, u affidavit ta' Dottor Erica Cilia, li kkonfermat li l-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa (fol 65). Xehdet omm il-minuri, ċerta Sharon Xuereb, li spjegat li bintha kienet taħt xokk minħabba l-inċident;

vi. Ċertifikat mediku ta' Christa Borg a fol 28 tal-proċess, u affidavit ta' Dottor Erica Cilia li kkonfermat li l-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa (fol 67);

vii. Ċertifikat mediku ta' Ella Marie Micallef a fol 32 tal-proċess, u affidavit ta' Dottor Rebecca Galea a fol 115. Xehdet ukoll omm il-minuri Ella Marie Micallef, u ċioè Natasha Micallef, li spjegat li bintha kellha xokk fuqha;

viii. Ċertifikat mediku ta' Enrica Farrugia a fol 31 tal-proċess, u affidavit ta' Dottor Rebecca Galea a fol 115. Xehdet ukoll omm il-minuri Enrica Farrugia, u ċioè Petra Farrugia, li spjegat li bintha kellha xokk fuqha;

ix. Ċertifikat mediku ta' Kristina Mifsud a fol 30 tal-proċess. Xehdet ukoll omm il-minuri, ċerta Helga Mifsud, li spjegat li kaġun ta' dan l-inċident, bintha weġgħet rasha, u xi ġrieħi oħra minħabba s-*seat belt*. Sostniet li l-ġrieħi għaddewlha wara xi ftit jiem;

x. Ċertifikat mediku ta' Alexia Micallef a fol 37 tal-proċess, u affidavit ta' Dottor Jessica Coppini, li kkonfermat li l-ġrieħi sofferti minn Alexia Micallef, kienu ta' natura ħafifa (fol 112). Xehdet ukoll omm il-minuri, ċerta Charlene Micallef, li spjegat li kaġun ta' dan l-inċident, bintha kellha xokk qawwi;

xi. Ċertifikat mediku ta' Martha Vella a fol 33 tal-proċess, u affidavit ta' Dottor Jessica Coppini, li kkonfermat li l-ġriehi kienu ta' natura ħafifa (fol 113). Xehdet ukoll omm il-minuri, ċerta Annalise Vella.

Ma tressqux provi dwar l-allegati ġrieħi li soffriet Eleyne Louise Borg, għajr li ġie eżebiet ċertifikat mediku a fol 35 tal-proċess, u xehdet ommha, u ċioè Antoinette Borg, li sostniet li t-tifla kellha gundella u tbenġila fuq moħħha. Madanakollu, ma ġiex ippreżentat affidavit tat-tabib li eżamina lill-minuri, kif ukoll l-istess tabib baqa' qatt ma xehed f'dawn il-proċeduri.

Dwar is-seba' imputazzjoni, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni, l-affidavit ippreżentat mit-Transport Malta a fol 58 et seq, li minnu jirriżulta illi l-liċenżja tal-

vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni FCD 037 tal-marka Toyota Avensis, skadiet fit-30 ta’ Ġunju 2016. Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ġiet ampjament ippruvatha.

Dwar it-tmien imputazzjoni, din il-Qorti qieset il-kontenut tal-affidavit ta’ PS 914 Ivan Mifsud, li kkonferma bil-ġurament tiegħu, li l-vettura misjuqa mill-imputat, kellha l-liċenzja skaduta, tant li kellha tiġi rmunkata permezz ta’ *low loader* tal-Pulizija. Din l-imputazzjoni ġiet ukoll ippruvata.

Fuq nota finali, il-Qorti qieset li għalkemm ma ġietx ippreżentata l-ewwel riferta, li biha ġie nnotifikat l-imputat, u nonostante li mill-atti proċesswali jidher li l-ewwel seduta li nżammet kienet fis-27 ta’ April, 2018, din il-Qorti qieset li l-imputat kien ġie nnotifikat għall-ewwel seduta li kellha tinżamm fil-5 ta’ Settembru, 2017, tant li l-avukata tal-istess imputat, kienet ippreżentat rikors fit-30 ta’ Awwissu, 2017, b’talba għal differiment biex din il-kawża ma tinstemax fil-5 ta’ Settembru, 2017, iżda tiġi differita, kif ukoll b’talba li l-imputat stess jiġi awtorizzat ma jattendix il-Qorti fil-5 ta’ Settembru, 2017. Il-kontenut ta’ dan ir-rikors juri b’mod ċar u inekwivoku, li l-imputat kien innotifikat għall-ewwel seduta tal-5 ta’ Settembru, 2017, ferm qabel il-preżentata ta’ dan ir-rikors, u ċioè ferm qabel it-30 ta’ Awwissu, 2017, bil-konsegwenza li l-ebda waħda mill-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu, ma tista’ tirriżulta li kienet preskritta.

Il-Qorti nnotat ukoll li fl-aħħar xhieda mogħtija minn Grezzju Bartolo, u ċioè s-sewwieq tal-vann, huwa sostna li kien moħħu fit-tfal, u ma setax ikun ċert li l-imputat kien is-sewwieq tal-vettura li habtet gol-vann misjuq minnu. Madanakollu, din il-Qorti għandha biżżejjed provi, inklużi l-affidavits tal-Uffiċjali tal-Pulizija, il-kontenut tal-*Current Incident Report,* il-konnotati tal-istess imputat, kif ukoll rikors magħmul mill-istess imputat fil-25 ta’ Ottubru, 2017, fejn qed jitlob li huwa għad għandu effetti personali tiegħu ġewwa l-vettura misjuqa minnu, u li nżammet mill-Pulizija. Għalhekk, din il-Qorti tqies ukoll li l-identità tal-imputat u l-involviment ta’ dan l-inċident, ġiet ampjament ippruvata.

Dwar piena, din il-Qorti qieset il-verżjoni mogħtija mill-imputat lill-Uffiċjali tal-Pulizija, liema verżjoni ttieħdet wara li l-istess imputat ingħata d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat, u wara li dan iffirma rinunzja għal tali dritt (fol 3). Il-Qorti tqies li sejra tieħu in konsiderazzjoni tali verżjoni, kif ukoll il-kontenut tas-Social Inquiry Report, fil-piena li sejra tikkundanna b’din is-sentenza. Tqies li bħala piena, il-kundanna ta’

ħlas ta' multa, hija piena idoneja, flimkien ma' sospensjoni ta' liċenzja tas-sewqan li ma tkunx fil-minimu.

**Deċide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 328(d), 226(1)(b) u 226 (1) ( c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 2 tat-Taqsima II Art E (a)(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, ir-Regolament 76 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-Artikolu 14(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, qiegħda tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni, li tirrigwarda offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Eleyne Louise Borg, filwaqt li qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet imputazzjoni, li tirrigwarda offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' Michela Borg, Grezzju Bartolo, Christa Borg, Yana Grech, Kristina Mifsud, Enrica Farrugia, Ella Marie Micallef, Martha Kate Vella, Sadie Micallef, Nia Xuereb u Alexia Micallef tar-raba', tal-ħames, tas-sitt, tas-seba' u tat-tmien imputazzjoni. Tikkundannah għal ħlas ta' multa komplessiva ta' elf Ewro (€1000), filwaqt li tordna s-sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan għal tliet xhur mil-lum, li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**